# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 t' Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 242/2009 SM**

**Elaine Camilleri**

**vs.**

**Ronald Mallia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-11 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi fit-12 ta' Marzu, 2007, ir-rikorrenti sefghet imtajra minn vettura tat-tip Peugeot 306 numru KBI – 549 misjuqa mill-intimat meta hi kienet qed taqsam fi Triq il-Qawra, il-Qawra;

1.2. Illi kagun tal-istess soffriet disabilita` permanenti, kif certifikata minn specjalista, (ara foll 4);

1.3. Illi l-incident sehh unikament tort tal-intimat minhabba imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

1.4. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq indikat;

1.4.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-incident *de quo*, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

1.4.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas is-somma hekk likwidata;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija, (8%) fis-sena mis-16 ta' Settembru, 2008, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu tat l-ordnijiet procedurali lill-partijiet hemm indikati, (ara foll 11);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata l-24 t'April, 2009, li permezz tieghu rrisponda bil-mod segwenti:

3.1. Illi l-incident in dizamina mhux imputabbli lill-intimat;

3.2. Illi m'hemmx danni x'jigu imputabbli lir-rikorrenti;

3.3. Illi *spetta* ghar-rikorrenti li tressaq il-prova tad-danni, inkluz il-prova rigwardanti l-kundizzjoni medika taghha naxxenti mill-istess incident;

3.4. Illi ghalhekk jinhtieg li jigi mahtur espert mediku biex jezamina lir-rikorrenti;

3.5. Illi ghalhekk m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lir-rikorrenti;

3.6. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.7. Illi m'ghandux ibati spejjes;

3.8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-24 t'April, 2009, li permezz taghha ottemperat ruhha mal-ordnijiet precedenti tal-qorti (ara foll 11 u 17 rispettivament);

5.0. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu hatret:

5.1. Espert mediku, (ara foll 32 u 33); u

5.2. Assistent Gudizzjarju, (ara foll 32 u 34);

6. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 156);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet sottomessa mir-rikorrenti datata s-16 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 161), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-15 ta' Marzu, 2016, (ara foll 166);

8. Semghet ilill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz b'mod finali;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi waqt li fit-12 ta' Marzu, 2007, ghall-habta tal-10.00p.m., ir-rikorrenti kienet qed taqsam Triq il-Qawra, il-Qawra, ttajret minn vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru KBI – 549, misjuga mill-intimat, (ara rapport tal-pulizija a foll 62 *et sequitur*);

9.2. Illi l-incident in dizamina sehh meta r-rikorrenti kienet qed taqsam minn bankina ghall-ohra fl-istess triq, (ara foll 64);

9.3. Illi r-rikorrenti ssostni li l-incident *de quo* kien ikkagunat tort u htija tal-intimat biss, u dan, rizultat tan-negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

9.4. Illi *stante* wkoll li soffriet dani rizultat tal-istess incident, qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni minnha hekk sofferti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti jirribatti bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-incident in dizamina mhux imputabbli lilhu;

10.2. Illi in effetti l-incident sehh unikament tort u htija tar-rikorrenti stess;

Ikkunsidrat:

11. Illi mill-provi prodotti, d-dinamika tal-incidenti tirrizulta li sehhet bil-mod segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti kienet tahdem bhala *waitress part-time* fil-*Qawra Palace Hotel* il-Qawra, (ara foll 84);

11.2. Illi meta dakinhar spiccat mix-xoghol marret biex tistenna l-*minibus* biex tibqa` sejra lejn id-dar, (ara foll 84);

11.3. Illi biex taghmel hekk kellha taqsam it-triq minn naha ghall-ohra, (ara foll 84);

11.4. Illi fil-hin tal-incident kien hemm it-triq in dizamina mimlija vetturi pparkjati, man-naha tal-bahar, (ara foll 70, 72 u 84);

11.5. Illi *di piu`*, kien id-dlam, (ara foll 84);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi rigward it-traversar tat-triq mir-rikorrenti jirrizulta is-segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti sintetikament issosstni hekk:

12.1.1. Illi peress li kien hemm karozzi pparkjati fit-triq man-naha tal-bahar, biex taqsam hi kellha tohrog minn bejniethom, (ara foll 84 u 70);

12.1.2. Illi qabel ma qassmet issostni li harset lejn iz-zewg nahat laterali biex tara kienx gej traffiku;

12.1.3. Illi fuq naha minnhom rat dawl ta' vettura madwar mija u ghoxrin (120) metru 'l boghod, u fuq in-naha l-ohra ma rat l-ebda traffiku, (ara foll 84 u 115D);

12.1.4. Illi *stante* li ikkalkolat li ghalhekk setghet taqsam, iddecidiet li taqsam l-imsemmija triq, (ara foll 84);

12.1.5. Illi hi u taqsam osservat il-vettura li kienet rat kienet ziedet il-velocita` u ghalhekk ir-rikorrenti bdiet tigri biex tilhaq tasal fuq il-bankina l-ohra, (ara foll 84);

12.1.6. Illi hekk kif kienet kwazi waslet fuq il-bankina l-ohra hasset daqqa fuq l-gharqub u twaqqet mall-art, (ara foll 84);

12.1.7. Illi l-istess rikorrenti ssosstni li qabel ma intlaqtet semghet ukoll il-*breaks* iwerzqu, (ara foll 84);

12.1.8. Illi *di piu`*, issosstni wkoll li meta qasmet, ir-rikorrenti qasmet min bejn il-vetturi pparkjati u minghajr ma waqqfet, (ara foll 115D);

12.2. Illi l-intimat sintetikament isosstni s-segwenti:

12.2.1. Illi dakinhar tal-incident kien qieghed iwassal lit-tfajla tieghu u ohrajn;

12.2.2. Illi kien qed isuq mid-direzzjoni ta' Fra Ben lejn il-Qawra, (ara foll 152);

12.2.3. Illi hekk kif kien qed javvicina il-*Qawra Palace Hotel*, kien issuperat minn vettura ta' kulur griz car, (ara foll 152);

12.2.4. Illi f'daqqa wahda qasmet tfajla minn bejn vann u karozza li kienu pparkjati vertikalment mal-bankina tan-naha tal-bahar, (ara foll 152);

12.2.5. Illi din it-tfajla qassmet hesrem u minghajr ma harset biex tara jekk kienux gejjin vetturi, (ara foll 152);

12.2.6. Illi r-rikorrenti kienet qed thares lejn il-*mobile* li kellha f'idejha, bhal meta xi hadd ikun qed jibghat messagg, (ara foll 152);

12.2.7. Illi fit-triq kien hemm in-nida u hafna ilma iehor inixxi, (ara foll 152);

Ikkunsidrat:

13. Illi skont l-iskizz tal-pulizija, il-vettura tal-intimat halliet *break mark* ta' madwar tletin (30) metru, (ara foll 72);

14. Illi skont ir-rapport tal-pulizija, il-kundizzjoni tat-triq hi indikata li kienet niexfa, (ara foll 65);

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Baldassare Baldacchino nomine vs. L-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici nomine***, datata t-***30 ta' Novembru, 2005***, fejn gew elenkati l-principji legali li ghandhom jigu utilizzati f'kawzi simili:

15.1. "Illi s-sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus paterfamilias* u li hija ragonevoli tenut kont tac-cirkostanzi bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali, l-kondizzjonijiet atmosferici, l-istat tal-art u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq. Huwa ghandu wkoll jassikura f'kull waqt li s-sewqan tieghu jkun tali li jkollu kontroll shih tal-vetura misjuga minnu;

15.2. "Illi kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, ghalkemm l-ispeed *per se* ma jwassalx necessarjament ghar-responsabbilita` tas-sewwieq, jistghu pero` jezistu cirkostanzi fejn il-velocita` tkun wahda mill-kawzi prossimi li jwasslu ghall-incident. Ghax l-ispeed jista` jkun eccessiv anke meta ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza fic-cirkostanzi tal-mument. Sewwieq ghandu jimxi bi *speed* li jkollu f'kull hin il-kontroll tal-vettura, u ghalhekk mhux bizzejjed li s-sewwieq ikun qed isuq bl-ispeed permess mill-ligi.

"Wara kollox, min ikun qed isuq, ghalkemm ma jaghmilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero` jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi, u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament u jassigura kontroll tal-vettura tieghu f'kull hin waqt is-sewqan, (***App. Krim.: Pulizija vs. Joseph Muscat***, datata s-***7 ta' Gunju, 1995***);

15.3. "Izda mhux is-sewwieqa biss, imma anke il-pedoni ghandhom l-obbligu li jridu josservaw biex ma joholqux

perikolu lill-utenti l-ohra tat-triq, u cioe` li jesercitaw dik id-diligenza ghas-sikurezza taghhom *"as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"* [***Gibb*** citat fil-kawza ***PA Joseph Gatt vs. Philip Caruana*** deciza 21.06.2001];

Ikkunsidrat:

16. Illi minn ezami akkurat tal-provi, u minn analizi approfondit tad-dinamika tal-incident in kwistjoni, jirrizulta li r-rikorrenti effettivament qasmet it-triq in dizamina minghajr m'ezercitat dik l-attenzjoni dovuta fic-cirkostanzi;

17. Illi rizultat tal-fatt li r-rikorrenti ghaddiet min bejn vetturi pparkjati biex tibda taqsam it-triq in kwistjoni, u dan waqt li kienet qed tittextja jew tircievi xi messagg mill-*mobile* taghha, zgur ma jimmilitax favur taghha;

18. Illi qabel ma' tintraprendi l-azzjoni biex taqsam it-triq in dizamina r-rikorrenti kellha d-dover li taccerta ruhha li qabel ma' taqsam l-istess triq kellha d-dover li tara li l-vettura li kienet rat 'l boghod minnha gejja fid-direzzjoni taghha kienet f'distanza tali li tippermettilha tibda u tispicca t-traversata taghha tat-triq b'inkolumita` u minghajr periklu kemm ghaliha u ghal terzi;

19. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ssosstni li qabel ma qasmet it-triq hi kienet harset fiz-zewg direzzjonijiet tal-istess, (ara foll 84), minn xhieda taghha stess tirrizulta xhieda li xxejjen tali deskrizzjoni billi l-istess rikorrenti sussegwentement issosstni f'xhieda ulterjuri taghha li hi u taqsam ma waqfitx, (ara foll 115D), u kienet qed thares biss 'l-quddiem, (ara foll 115E);

20. Illi tenut kont tal-istess xhieda tar-rikorrenti hawn riprodotta fil-paragrafu precedenti, jirrizulta pacifikament stabbilit li f'din is-sitwazzjoni r-rikorrenti ma ezercitatx id-diligenza mehtiega meta qasmet it-triq *de quo*, tant li rizultat tal-istess hasdet lill-intimat li anke dahal fuq vettura ohra biex jipprova jevitha, wara li applika l-*brakes*, (ara foll 72);

21. Illi in vista tal-premess, ghandu jinghad li l-istess rikorrenti ghandha terfa` parti mir-responsabbilita` ghall-incident in dizamina *stante* li hi wkoll ikkontribwiet ghalih;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi *nonostante* s-suespost, l-agir tal-intimat ukoll jirrizulta li kien wiehed skonsiderat, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

22.1. Illi l-velocita` li l-intimat jirrizulta li kien qieghed isuq biha kienet tali li ma jippermettilux li jkollu kontroll shih taghha;

22.2. Illi in effetti mix-xhieda tieghu stess jirrizulta li vettura ohra li qabzitu kienet qed issuq b'velocita` pjuttost elevata – ovvjament, ghaliex l-istess intimat kien ukoll qed isuq b'velocita` konsiderevoli, (ara foll 152);

22.3. Illi rizultat tal-istess l-intimat ma irnexxilux jaghmel manuvra evasiva tali li permezz taghha jevita l-incident *de quo*;

22.4. Illi *di piu`*, l-marki tal-*"brakes"* jindikaw b'certezza li l-intimat kien ghaddej b'velocita` li permezz taghha hu wkoll ikkontribwixxa ghall-incident, (ara foll 72);

22.5. Illi l-marki tal-*"brakes"* twal tletin (30) metru riskontrati fit-triq u riprodotti fl-iskizz ipprezentat *in atti*, (ara foll 72), huma indikattivi tal-fatt li l-vettura kienet qed tinstaq b'velocita` eccessiva, tant li fl-intimat ikkreat l-inkapacita` li jirreagixxi b'success ghall-emergenza li inholqot quddiemu;

22.6. Illi konsegwenza tal-istess, jirrizulta pacifiku li anke l-intimat ghandu jerfa parti mir-responsabbbilita` ghall-incident in dizamina *stante* li hu wkoll ikkontribwixxa ghall-istess;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-analisi suesposta, il-kawzi prossimi tal-incident in dizamina jirrizultaw li huma sintetikament is-segwenti:

26.1. In-nuqqas ta' diligenza da parti tar-rikorrenti meta qasmet it-triq, thares dritt, u tuza l-*mobile*;

26.2. In-nuqqas ta' diligenza tas-sewwieq intimat minhabba l-velocita` li kien qed isuq biha u konsegwentement ma kellux kontroll effettiv u shih tal-istess vettura u b'hekk, ma setghax jevita l-incident in kwistjoni;

27. Illi in vista tal-istess, il-kontendenti t-tnejn ghandhom responsabbilita` ghall-incident in dizamina, liema responsabbilita` ghandha ghalhekk tigi apporzjonata b'mod ugwali bejniethom;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. Damnum Emergens**:

28.1. Illi r-rikorrenti pprezentat prospett tal-ispejjes minnha sofferti minhabba l-incident in dizamina, (ara foll 26);

28.2. Illi skont l-istess id-danni in dizamina jammontaw globalment ghal sitta u sebghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€76.25), (ara foll 26);

28.3. Illi tenut kont tal-apporzjonament tad-danni stabbilit qabel, (ara paragrafu numru sebgha u ghoxrin, aktar qabel), l-ammont *de quo* jammonta ghal tmienja u tletin euro u tnax- il centezmu, (€38.12);

**B. Lucrum Cessans**:

29. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** datata l-***31 t'Ottubru, 2003,*** fl-ismijiet ***Mark Borg vs. Gozo Channel Company Limited et***, li rriteniet is-segwenti:

> "Il-ligi ma taghtix indennizz ghall-inkapacita` *ut sic* imma ghal inkapacita` in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali";

30. Illi in vista tal-istess din il-qorti ser issa tikkonsidra d-dizabilita` li soffriet ir-rikorrenti rizultat tal-incident in dizamina, u dan, fil-potenzjal lavorattiv taghha;

Ikkunsidrat:

31. Illi rizultat tal-incident in dizamina r-rikorrenti kellha ksur fl-ghadma ta' l-gharqub ta' saqajha x-xellugija, (ara foll 47);

32. Illi rizultat tal-istess ksur, ingibeb parti mill-gherq principali tas-sieq, maghruf bhal t-*tendo Achilles*, (ara foll 47);

33. Illi l-istess rikorrenti kellha ghalhekk tigi operata u l-ghaksa kienet sussegwentement immobilizzata fil-gibs ghal perjodu ta' xahrejn, (2), (ara foll 48);

34.0. Illi wara li kienet irrikoverat mill-operazzjoni in dizamina fl-1 ta' Gunju, 2009, (ara foll 48), irrizulta s-segwenti:

34.1. Illi l-moviment tal-ghaksa kolpita irritorna ghan-normal, (ara foll 49);

34.2. Illi rrikoverat is-sahha kollha f'saqajha, (ara foll 49 u 50);

34.3. Illi l-ksur ghadda sewwa, (ara foll 50);

34.4. Illi jista` jaghti l-kaz li r-rikorrenti jkollha artrite qabel iz-zmien fil-post affettwat, (ara foll 50);

34.5. Illi l-ugigh li thoss fil-kesha u fl-umdita` jista` jkun permanenti, (ara foll 50);

34.6. Illi n-nefha li r-rikorrenti ghandha f'saqajha tax-xellug tista tibqa` b'mod permanenti, (ara foll 50);

34.7. Illi l-ammont ta' dizabilita` permanenti li soffriet ir-rikorrenti rizultat tal-incident in dizamina gie stmat mill-espert mediku nominat, fl-ammont ta' tmienja fil-mija, (8%), (ara foll 50);

35. Illi din il-qorti m'ghandiex ghalfejn ma tistriehx fuq l-istess analizi tal-espert mediku fuq riferit, u konsegwentement tiddikjara li taghmlu taghha;

Ikkunsidrat:

36. Illi l-gurisprudenza lokali stabbilit li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-hekk imsejjah ***multiplier***, mhux il-*life expectancy* tad-danneggjat, imma l-aspettattiva lavorattiva li tista` tmur oltre l-eta` pensjonabbli;

37. Illi in effetti, biex jigi stabbilit dan il-*multiplier*, tinghata rilevanza wkoll lic-*chances and changes of life*;

38. Illi f'dan is-sens fis-sentenza fl-ismijiet ***Evan Xuereb vs. Vincent Spolding et***, datata l-***10 ta' Lulju, 2003***, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** ssostni s-segwenti:

> "... fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista` jkun konkreti u mhux sempliciment kongetturali, huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u l-ghoti ta' kumpens jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista` jkun cert mija fil-mija sewwasew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta` x'sejjer jigri jew x'jista` jkun probabbli li jsehh fil-gejjieni";

39. Illi f' ***Atiyah's Accidents, Compensation and the Law***, l-awtur *Peter Cane* jghid hekk:

> "The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases";

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fid-dawl tar-rizultanzi fuq esposti, il-*multiplier* in dizamina ghandu jinhadem b'riferenza tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

40.1. L-eta` tar-rikorrenti fil-mument tal-incident;

40.2. Ic-*chances and changes of life* tar-rikorrenti;

41. Illi *stante* li fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kellha biss ghoxrin (20) sena, sejjer ghalhekk jittiehed *multiplier* ta' tlieta u tletin (33) sena;

Ikkunsidrat:

42. Illi fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kienet impjegata bhala *"waitress"*, (ara foll 84);

43. Illi f'dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet ***Alex Azzopardi vs. Anna Ellul et***, datata l-***20 ta' Mejju, 2013***, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** emfasizzatt s-segwenti, senjatament li dan hu:

> "... principju stabbilit ghal zmien twil li l-bazi tad-danni tkun il-paga fil-mument tal-incident";

44. Illi jirrizulta wkoll f'dan il-qasam partikolari in dizamina li r-rikorrenti fl-istess waqt li qed tahdem, kienet ukoll ghada qeghda tistudja, (ara foll 84);

45. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li jkun aktar gust li l-kalkolu in dizamina ikun ibbazat fuq il-paga minima nazzjonali ezistenti dakinhar tal-incident, senjatament sebghat elef, mitejn u tnejn u ghoxrin euro u tmenin centezmu, (€7,222.80), fis-sena, - l-ammont li fiz-zmien tal-incident kien jinghata ghal xoghol *part-time* u li probabbilment kien ukoll temporanju – senjatament, sa kemm l-istess rikorrenti tkompli bl-edukazzjoni taghha;

46.0. Illi jinghad ukoll li f'dan l-ammont ser jigu kkonsidrati wkoll is-segwenti:

46.1. L-gholi tal-hajja;

46.2. Zidiet li r-rikorrenti kien jisthoqqilha tiehu maz-zmien;

47. Illi ghalhekk, tenut kont tal-komplessita` kollha fuq indikata id-dhul annwu tar-rikorrenti jixraq li jkun mibni fuq is-somma ta' disat elf euro, (€9,000.00);

Ikkunsidrat:

48.0. Illi rigward il-*lump sum payment reduction* jinghad is-segwenti:

48.1. Illi r-*ratio* wara din ir-riduzjoni hi l-pagament anticipat tal-kapital involut;

48.2. Illi l-ammont involut jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data tal-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li, aktar tonqos ir-raguni ghal tali riduzzjoni;

49. Illi fil-kaz in dizamina, tenut kont tal-fatt li l-incident in kwistjoni jirrisali ghal Marzu, 2007, m'ghandu jsir l-ebda *lump sum payment reduction*;

Ikkunsidrat:

50.0. Illi a bazi tas-*suespost*, il-*lucrum cessans* ghandu jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

50.1. Paga annwali, inkluzi l-gholi tal-hajja u zidiet: €9,000.00 – (ara paragrafu numru sebgha u erbghin, (47.) aktar qabel);

50.2. *Multiplier* ta' 33 sena (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), aktar qabel);

50.3. Grad ta' dizabilita` permanenti ta' 8%, (ara paragrafu numru erbgha u tletin punt sebgha, (34.7), aktar qabel);

51. Illi in vista tal-elenku indikat fil-paragrafu precedenti l-ammont ta' danni relattiv ghall-*lucrum cessans* hu hekk stabbilit fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf sebgha mija u sittin euro, (€23,760.00);

Ikkunsidrat:

52.0. Illi in vista ta' dak precedentement stabbilit rigwardanti l-apporzjonament tad-danni, (ara paragrafu numru sebgha u

ghoxrin, (27.), aktar qabel), fejn gie, ghar-ragunijiet hemm esposti, li dan ghandu jkun nofs bin-nofs bejn il-partijiet, jigi stabbilit ghalhekk is-segwenti:

52.1. Nofs il-*Lucrum Cessans*: hdax -il elf, tmin mija u tmenin Ewro, (€11,880.00), (ara paragrafu numru wiehed u hamsin, (51.), aktar qabel;

52.2. Nofs id-*Damnum Emergens*: tmienja u tletin euro u tnax- il centezmu, (€38.12), (ara foll 26);

52.3. Illi komplessivament ghalhekk nofs l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mir-rikorrenti li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb l-intimat fuq indikat jammonta ghal hdax- il elf, disa` mija u tnax- il euro, u tnax- il centezmu, (€11,912.12);

Ikkunsidrat:

53.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li mir-rizultanzi jirrizulta li l-kontendenti t-tnejn ikkontribwew b'mod ugwali ghall-incident in dizamina, u konsegwentement:

**DECIDE:**

53.1. Tirrespingi parzjalment l-ewwel talba tar-rikorrenti;

53.2. Tirrespingi parzjalment ukoll l-ewwel risposta tal-intimat;

53.3. Tiddikjara li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat it-tnejn ikkontribwew b'mod ugwali ghall-incident in dizamina;

53.4. Tiddikjara li d-danni rizultanti ghandhom ghalhekk jigu sapportati b'mod ugwali mill-kontendenti;

53.5. Tillikwida d-danni globali sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, tmin mija u erba' u ghoxrin euro u tletin centezmu, (€23,824.30);

53.6. Tiddikjara li l-intimat Ronald Mallia ghandu ghalhekk ihallas nofs l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, senjatament l-ammont ta’ hdax- il elf disgha mija u tnax- il Ewro u tnax -il centezmu, (€11,912.12), lir-rikorrenti Elaine Camilleri;

53.7. Bl-ispejjez, kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, kontra l-intimat *stante* li kienet kostretta tipprocedi b’din il-procedura dispendjuza meta soluzzjoni alternattiva kienet indikata.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**